TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 273

KAZ NRU 366

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Joe Aquilina

u

C Fino & Sons Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 11 ta' Gunju, 1986

CHAIRMAN: MR A.H. CAMILLERI

1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fit-13 ta' Marzu, 1985, taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX tal-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

It-Tribunal zamm erba' (4) seduti qabel ma wasal biex jaghti din id-decizjoni.

Ghall-appellant deher is-Sur R.A. Matrenza filwaqt li ghall-Kumpanija dehru s-Sur A Fino assistit mis-Sur F.E. Amato Gauci.

2. Mill-bidu nett ta' dan il-kaz, iz-zewg nahat qajmu l-eccezzjoni rigward min kien il-principal ta' l-appellant (Joe Aquilina).

Is-Sur R.A. Matrenza kkontenda li l-principal ta' l-appellant kien C Fino & Sons Ltd u ghamel sottomissjonijiet bil-fomm u bil-miktub biex jissostanzja dan il-punt.

Is-Sur F.E. Amato Gauci kkontenda li l-principal ta' l-appellant kien Oak Ltd u hu wkoll ghamel sottomissjonijiet bil-fomm u bil-miktub.

3. DECIZJONI

It-Tribunal, wara li sema s-sottomissjonijiet taz-zewg nahat fuq il-punt ta' min kien il-principal ta' l-appellant, jiddeciedi dan li gej:-

Illi ghalkemm iz-zewg kumpaniji C Fino & Sons Ltd u Oak Ltd jistghu jkunu jappartjenu lill-istess shareholders, u anki ikollhom relazzjonijiet kuntrattwali bejniethom, kull kumpanija ghandha personalita' guridika separata kemm mix-shareholders li ghandhom isthma fiha u anki wahda mill-ohra.

Ghalhekk meta l-appellant, li l-ktieb tax-xoghol tieghu u mir-records l-ohra kollha jirrizulta li kien impjegat mal-Kumpanija Oak Limited, inizja dawn il-proceduri kontra l-Kumpanija C Fino & Sons Ltd, dan ma kienx qed jiccita lil persuna li maghha kellu relazzjoni ta' impieg u kwistjonijiet ohra maghha, ghalhekk dan it-Tribunal ma jista' qatt isib lil kumpanija citata responsabbli ghal dak li l-appellant qed jitlobha tirrispondi ghalih f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jillibera lill-Kumpanija citata, C Fino & Sons Ltd mid-domandi kollha maghmula mill-appellant, b'dana li jibqghu salvi u impregudikati d-drittijiet li jista' jkollu kontra l-Kumpanija Oak Limited.

Edward D'Agostino
A/Segretarju

A.H. CAMILLERI
Chairman

Data: 11 ta' Gunju, 1986

ja